TAKING GENDER EQUALITY TO LOCAL COMMUNITIES

(co-funded by the Community Framework Strategy on Gender Equality 2001-2005)

# GĦANDI DRITT

Għandi dritt nitgħallem dak li nixtieq jiena.
Għandi dritt karriera nfassal bla tfixkil.
M'għandu ħadd skond is-sess tiegħi jimponili
biex bilfors għażlieti nagħmel b'ħafna ndħil.

Għandi dritt li naħdem f'kull impieg possibbli.
Tagħtix kas id-distinzjoni f'ċerti mħuħ.
Impjegani biss jekk taħseb jien kapaċi,
b'ebda stigma, bla ma tħares lejn l-uċuħ.

**REF:** Drittijiet għax għandi l-jedd, mhux jitħassruni.
M'għandi ebda differenza mill-oħrajn.
Ejja nwaqqgħu il-ħitan ta' bejn is-sessi,
u ma nħallu 'l ħadd jintrifes mis-saqajn.
Drittijiet li jneħħu d-diskriminazzjoni,
jekk qed ngħixu tabilħaqq żmien il-progress.
Għalenija, bir-raġuni, nistgħu naslu
jekk minn qalbna nqisu lil kulħadd l-istess.

Għandi dritt bilanċ bejn xogħol u bejn familja.
Għandna d-dritt għażiż li t-tfal inrabbu t-tnejn,
b'ħinijiet jagħtuna ċ-ċans ħidmietna nlaħħqu
għax b'impenn it-tnejn flimkien ma nbatu xejn.

Għandi dritt fil-ħajja pubblika nkun utli
nagħti sehmi xieraq fil-komunita`.
Għandi dritt insemma' leħni bħal ħaddieħor
fl-ideat u fit-twettiq bil-liberta`.

**REF:** Drittijiet għax għandi l-jedd, mhux jitħassruni eċċ...

joe julian farrugia